MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## RAYMOND C. PACE

Seduta tat-8 ta' Novembru, 2007

Rikors Numru. 1038/2007

**Rikors fl-atti ta' Mandat ta' Sekwestru Numru 1276/2007 fl-ismijiet:**

**HSBC Bank Malta p.l.c. (C3177).**

**vs**

**Keith Rizzo (I.D. 788959M)**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors fl-atti tal-Mandat ta' Sekwestru ta' Keith Rizzo datat 24 ta' Settembru 2007 a fol. 1 tal-process fejn gie premess:-

Illi wara sentenza moghtija mill-Onorabbli Qorti Civili fl-ismijiet **HSBC Bank Malta p.l.c. vs Keith Rizzo** fit-8 ta' Jannar 2007, is-socjeta` HSBC Bank Malta p.l.c. talbet il-

hrug ta’ Mandat ta’ Sekwestru kontra l-esponent, liema talba giet milqugha minn din l-Onorabbli Qorti;

Illi fost is-sekwestratarji citati mis-sekwestrant hemm is-socjeta` illi l-esponent huwa mpjegat maghha u li tipprovdilu l-uniku mezz finanzjarju ghal ghijxien tieghu u tal-familja tieghu;

Illi l-bank sekwestrant talab il-hrug tal-Mandat ta’ Sekwestru fuq kull ammont tal-paga u/jew salarju illi l-esponent ikun dovut mit-tali socjeta` li teccedi s-somma ta’ tliet mitt lira Maltin (Lm300) (€ 698.81)) fix-xahar *ai termini* ta’ l-**artikolu 382 tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Proceduri Civili**;

Illi kif evidenzjat fid-dokument hawn anness u mmarkat bhala Dok “A”, l-esponent ghandu dhul *net* ta’ sitt mija tlieta u hamsin lira u tmenin centezmu (Lm653.80) (€1,522.94)) fuq bazi mensili;

Illi kif jixhed id-dokument hawn anness u mmarkat bhala Dok. “B” l-esponent ihallas kera ta’ mija u disghin lira Maltin (Lm190) (€ 442.58)) fix-xahar fir-rigward tal-fond illi huwa prezentament jirrisjedi fih;

Illi *stante* li l-esponent huwa legalment separat minn ma’ martu permezz ta’ kuntratt ta’ separazzjoni konsenswali, hawn anness u mmarkat Dok “C”, datat 20 ta’ Awissu 1999 fl-atti tan-nutar Joseph Abela, hekk kif gie awtorizzat minn digriet tas-Sekond’ Awla tal-Qorti Civili tat-28 ta’ Settembru 1999, huwa ghandu obbligi ta’ manteniment naxxenti mill-istess imsemmi kuntratt;

Illi ghaldaqstant l-esponent ghandu spejjez rikorrenti *ai termini* tal-kera u tal-mateniment hawn fuq citati illi wahedhom jeccedu l-ammont ta’ tliet mitt lira Maltin (Lm300) (€ 698.81)) fix-xahar;

Illi *in oltre*, l-esponent ghandu spejjez ohra ulterjuri li jrid ikopri ta’ kull xahar li huma relatati ma’ diversi fatturi fosthom il-manteniment u sussistenza tieghu nnifsu, il-manteniment tal-fond illi huwa attwalment jirrisjedi fih,

kontijiet tad-dawl, ta' l-ilma, tat-telefon u ohrajn, biex ghalhekk l-esponent ghandu bzonn l-eccess kollu illi fuqu intalab il-hrug tal-Mandat ta' Sekwestru sabiex ikun f' pozizzjoni illi jkompli jmantni lilu nnifsu u lill-familja tieghu;

Ghaldaqstant l-esponenti jitlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha, *ai termini* ta' **artikolu 382 tal-kodici ta' Organizzazzjoni u Proceduri Civili [Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta]**, tirrevoka l-Mandat ta' Sekwestru fir-rigward ta' dan l-eccess ghar-ragunijiet hawn fuq premessi.

Rat id-dokumenti annessi mar-rikors tar-rikorrenti Keith Rizzo.

Rat id-digriet tal-Qorti moghti fil-25 ta' Settembru 2007, fejn il-Qorti appuntat ghas-smigh l-istess rikors ghas-seduta tad-9 ta' Ottubru 2007, u ordna n-notifika ta' l-istess rikors lill-intimat b'erbat ijiem (4) zmien ghar-risposta.

Rat il-verbal tas-seduta tad-9 ta' Ottubru 2007 fejn meta ssejjah ir-rikors deher Dr. Norval Desira ghal Keith Rizzo u deher Dr. Victor Borg Grech ghas-socjeta` HSBC Bank Malta plc. Peress li kien ghadu ghaddej iz-zmien ghall-prezentata tar-risposta tal-Bank intamat; ir-rikors gie differit ghal dan l-iskop u trattazzjoni ghall-24 ta' Ottubru 2007.

Rat ir-risposta ta' HSBC Bank Malta p.l.c. (C 3177) datata 12 ta' Ottubru 2007 fejn il-Prokuratur Legali Jonathan de Maria, ghan-nom ta' l-istess Bank, bil-gurament tieghu kkonferma: -

1. Illi kif premess fil-mandat ta' sekwestru precitat, permezz tas-sentenza moghtija mill-Onorabbli Qorti Prim' Awla Civili fit-8 ta' Jannar 2007 fil-kawza fl-ismijiet premessi (Citazzjoni numru 744/2006LFS) (Dok. "X1" anness) il-Bank esponent gie kanonizzat kreditur ta' l-istess Keith Rizzo fl-ammont ta' Lm5,993.20 (€13,960.40) *oltre* l-imghax u l-ispejjez sal-hlas effettiv.

2. Illi dan id-dejn ghadu ma thallasx u l-mandat ta' sekwestru precitat gie pprezentat appuntu in ezekuzzjoni tal-precitata sentenza ta' din l-Onorabbli Qorti.

3. Illi l-argumenti li gab Keith Rizzo ma jsibux sostenn *aliunde*, anzi huma negati minn dokumenti ohra. Huwa ottjena self wara li stqarr mal-Bank li huwa sid tal-fond Flat 2, Opal Court, Triq Furtu Selvatico, San Giljan (*vide* l-anness Dok. "X 2"), u issa jghid li jhallas kera ta' Lm190 (€442.58) fix-xahar presumibbilment ta' l-istess fond ghaliex l-ircevuta tal-kera li Keith Rizzo annetta mar-rikors tieghu mkien ma tindika l-indirizz tal-fond mikri u l-identita` ta' sid il-kera. Jekk huwa veru dan, l-imsemmi Keith Rizzo ghandu jesebixxi l-kuntratt tal-kera li fuqu allegatament jhallas Lm190 (€442.58) fix-xahar.

4. Illi mill-kuntratt ta' separazzjoni ta' Keith Rizzo u martu tal-20 ta' Ottubru 2007 ippubblikat min-Nutar Joseph Abela (dokument "C" anness mar-rikors), jidher li Keith Rizzo kellu jhallas manteniment ghaz-zewg uliedu fl-ammont ta' Lm230 (€535.76), fi kwoti ugwali, sakemm dawn jilhqu l-maggoreta`, (para2 (vi)). Jirrizulta wkoll illi llum wahda mit-tfal tieghu, cioe` Lisa, ma ghadhiex aktar minuri u li sentejn ohra t-tifel Nigel ukoll jaghlaq 18-il sena u ghalhekk l-obbligu tieghu ta' manteniment skond l-imsemmi kuntratt jieqaf ghal kollox sentejn ohra. Ghal dawn is-sentejn li fadal Keith Rizzo ghandu jhallas biss Lm115 (€267.88) fix-xahar.

5. Id-dokument "A" anness mar-rikors huwa allegatament il-*payslip* ta' Keith Rizzo. Jinghad allegatament ghax anke dan id-dokument jippekka fil-provi tal-awtenticita` tieghu. Huwa jirriferi ghal xahar wiehed biss u ma jindika xejn dwar *overtime* u *fringe benefits.* Jibqa' dokument li jista' jikkrejah kulhadd jekk ma jkunx b' xi mod validu certifikat bhala awtentiku. Huwa ndikat li dan id-dokument ikun verifikat minn diretturi tad-ditta li timpjega lill-istess Keith Rizzo, li huma missieru u hutu.

6. Illi l-imsemmi Keith Rizzo ghandu jikkonferma l-kontenut tar-rikors tieghu bil-gurament. Jidher li huwa ghandu salarju gholi sewwa dikjarat bhala Lm10,440,

(€24,318.66) Lm700 (€1630.56) anqas minn dak li kien iddikjara lill-Bank esponenti kif jidher mid-dokument “X 2” hawn anness. Keith Rizzo ghandu jimmaneggja l-finanzi tieghu b’mod aktar kompatibbli mar-regoli ta’ l-ekonomija u jillimita l-infieq ghal manteniment u ghejxien tieghu ghal dak li huwa jkollu fil-but u jikkonsisti biss bhala spejjez inevitabbli dak li jkun assolutament necessarju.

7. B’dan kollu l-Bank esponenti, bhala sinjal ta’ rieda tajba, huwa dispost li jaghti lir-rikorrent Keith Rizzo l-facilita` li ghal dawn is-sentejn jibqa’ jigi ssekwestrat l-ammont ta’ Lm120 (€279.52) fix-xahar, ammont li Keith Rizzo iffranka bhala manteniment tat-tifla Lisa, u wara li t-tifel ta’ Keith Rizzo, Nigel, isir maggorenni sentejn ohra allura ghandu jibqa’ jigi ssekwestrat l-ammont ta’ Lm240 (€559.05) fix-xahar.

Ghaldaqstant l-esponent umilment jissottometti illi din l-Onorabbli Qorti ghandha tordna lill-istess Keith Rizzo biex, almenu, ghal dawn is-sentejn li gejjin jibqa’ jigi ssekwestrat l-ammont ta’ Lm120 (€279.52) fix-xahar mis-salarju ta’ l-istess Keith Rizzo u li wara li l-imsemmi Nigel (it-tifel ta’ Keith Rizzo) isir maggorenni sentejn ohra allura ghandu, ghal inqas, jibqa’ jigi ssekwestrat l-ammont ta’ Lm240 (€559.05) fix-xahar mis-salarju ta’ l-istess Keith Rizzo.

Rat id-dokumenti annnessi mar-risposta tal-HSBC Bank Malta plc. immarkati Dok “X 1” u Dok “X 2”.

Rat il-verbal tas-seduta tal-24 ta’ Ottubru 2007 fejn meta ssejjah ir-rikors deher Dr. Norval Desira ghar-rikorrenti prezenti, u deher Dr. Victor Borg Grech u l-Perit Legali Johnatan de Maria ghall-Bank intimat. Dr. Norval Desira esebixa kopja tal-kirja li hemm referenza ghaliha fir-rikors u nghatat kopja lid-difensur tal-kontro-parti Dok “ND 1”, u kopja tal-kont tad-dawl u l-ilma Dok “ND 2”. Xehed bil-gurament Keith Rizzo. Ir-rikors gie pospost. Meta rega’ issejjah ir-rikors id-difensuri trattaw il-kaz. Ir-rikors gie differit ghall-provediment ghat-8 ta’ Novembru 2007.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi l-procedura odjerna saret mir-rikorrenti odjern abbazi ta’ l-**artikolu 382 (1) tal-Kap 12** fejn qed jitlob li l-mandat ta’ sekwestru Numru 1276/07 fl-ismijiet “HSBC Bank Malta p.l.c vs Keith Rizzo” indikat jigi revokat ghall-somma in eccess ta’ Lm300 (€698.81) fix-xahar u dan peress li qed jallega li ghandu bzonn l-istess eccess ghall-manteniment tieghu u tal-familja tieghu.

Illi l-istess rikorrenti qed jallega li huwa qed ihallas kera ghalih ta’ Lm190 (€442.58) fix-xahar u qed ihallas manteniment ghaz-zewgt uliedu skond kuntratt pubbliku fl-atti tan-Nutar Joseph Abela datat 20 ta’ Awissu 1999 fl-ammont ta’ Lm230 (€535.76) fix-xahar, li wahedhom jammontaw ghall-Lm420 (€978.34) u dan minbarra li jrid ihallas ghall-ispejjez tal-hajja, meta l-istess rikorrenti qed isostni li ghandu biss paga nett ta’ Lm653.80 (€1,522.94). Dan ifisser li skond ir-rikorrenti l-bilanc ta’ Lm233.80 (€544.61) ghandu bzonnu sabiex ikompli jmanti lilu nnifsu, u b’hekk qed jippretendi l-mandat ta’ sekwestru jigi revokat *in toto*.

Illi jinghad li l-mandat ta’ sekwestru hareg wara li l-istess rikorrenti gie kkundannat ihallas l-ammont ta’ Lm5,993.20 (€1,3960.40) wara li talab u jinghata facilita’ ta’ *Visa Gold Credit Card* fis-26 ta’ Novembru 2004, u dan allura ovvjament wara li kien gie ffirmat il-kuntratt ta’ separazzjoni fuq indikat, u fejn jidher li bl-istess facilita’ huwa kien tela’ d-debitu minnu dovut fuq l-istess facilita’ ghall-ammont hemm indikat inkluz fl-istess somma l-imghax indikat, kif kannonizzat b’sentenza tat-8 ta’ Jannar 2007 (P.A. (LFS) – 8 ta’ Jannar 2007) u dan wara ammissjoni tal-istess rikorrenti odjern.

Illi jirrizulta mill-atti li r-rikorrenti qed jghid li ghandu dhul nett ta’ Lm653.80 (€1,522.94) (Dok. “A”) u dan minkejja li fid-dokument “X2” datat 26 ta’ Novembru 2004, li hija

applikazzjoni sabiex tinhareg tali *credit card*, fuqu l-istess rikorrenti kien iddikjara li kellu introjtu ta' Lm11,140 (€25,949.22).

Illi jirrizulta wkoll li llum qed isostni li qed jikri l-fond 25, Triq ir-Ratal, Swieqi ghall-kera ta' Lm190 (€442.58) mensilment u dan ghalkemm fil-kuntratt ta' kera esebit bhala Dok. "ND 1" jidher li l-istess kera kienet ghall-perjodu bejn l-1 ta' Settembru 2006 u l-31 ta' Awissu 2007; jirrizulta li gew esebiti zewg kopji ta' ricevuti ta' kera datati 30 ta' Gunju 2007 ghal Lulju 2007 u 2 ta' Awissu 2007 ghax-xahar ta' Awissu 2007, u ma jidhirx li gew esebiti ricevuti ghall-perjodu wara dan, u cjoe' ghax-xhur ta' Settembru, Ottubru u Novembru 2007, u dan minkejja li r-rikorrenti nghata l-opportunita' sabiex jesebixxi l-kopji ta' ricevuti li kellu fil-pussess tieghu u dan s'intendi sad-data qabel ma jinghata dan il-provediment finali.

Illi dan qed jinghad minkejja l-fatt li fuq l-istess Dok. "X2" (26 ta' Novembru 2004) l-istess rikorrenti fuq l-istess applikazzjoni sabiex tinhariglu *Gold Credit Card* kien iddikjara li huwa joqghod fil-fond Opal Court, Flat 2, Triq Furtu Selvatico, San Giljan, li huwa ddikjara li hija proprjeta' tieghu; x'sar minn dan il-fond ma hemm l-ebda spjegazzjoni mir-rikorrenti; ma dan jinghad li bhala fatt din il-Qorti tinnota li fir-rikors promotorju ir-rikorrenti lanqas indika ir-residenza tieghu tant li meta gie mharrek mill-Bank intimat sabiex jixhed fis-seduta tal-24 ta' Ottubru 2007 huwa gie mharrek fil-post fejn jahdem "Fafner House, National Road, Blata l-Bajda.

Illi dwar il-kuntratt ta' separazzjoni jinghad li llum jirrizulta li bintu Lisa Rizzo ma ghadhiex minorenni u allura l-obbligazzjoni hemm indikata fil-konfront taghha dwar manteniment ma ghadhiex tissussisti, u ghalkemm fix-xhieda tieghu l-istess xhud xorta qed jghid li qed imantni lill-istess bintu ghaliex ghadha qed tistudja, fir-rikors promotorju huwa jindika biss l-obbligi tieghu ta' manteniment *"naxxenti mill-istess imsemmi kuntratt"* u dan meta huwa kien jaf li skond l-istess kuntratt huwa obbligat li jhallas manteniment ghal uliedu minuri biss fl-ammont ta' Lm115 (€267.88) fix-xahar kull wiehed. Allura

l-obbligu li llum ghadu *in vigore* skond l-istess kuntratt huwa biss dak ta' Lm115 (€267.88) mensilment u dan jifformaw parti mis-somma prottetta skond il-ligi abbazi ta' l-**artikolu 382 (1) tal-Kap 12.**

Illi jinghad ukoll li minkejja li l-istess rikorrenti ddikjara li ghandu paga nett ta' Lm653.80 (€1,522.94) biss, u jidher li huwa fix-xhieda tieghu ddikjara li kellu wkoll l-uzu ta' karozza tax-xoghol, u f'konvenju datat 2 ta' Dicembru 2004 (Dok. "ND 3") u fl-estensjoni tieghu minghajr data (Dok. "ND4") jidher li l-istess rikorrenti iddeskriva lilu nnifsu bhala *"fil-kummerc"* u dan meta ftit zmien qabel u cjoe' fis-26 ta' Novembru 2004 (Dok. "X2") huwa kien iddeskriva lilu nnifsu bhala mpjegat fil-posizzjoni ta' *supervisor* mas-socjeta' ASL Limited u din kienet il-posizzjoni ta' impjieg tieghu skond l-istess formula minnu mimlija ghal 14-il sena shah qabel.

Illi apparti dan jidher li ghalkemm l-istess rikorrenti kien f'sitwazzjoni mhux ghal kollox felici finanzjarjament huwa dahal ghal negozju skond konvenju datat 2 ta' Dicembru 2004 (Dok. "ND 3") kif imgedded bi skrittura bla (Dok. "ND4"), fejn l-istess rikorrenti kien lest li jakkwista b'titolu ta' subenfitewsi perpetwa ta' Lm2,500 (€5,823.43) fis-sena l-arja ta' l-ufficini ezistenti tal-blokk f'Fafner House, f'National Road, Blata l-Bajda, b'dan li jekk is-subenfitewta jifdi c-cens fi zmien 5 snin mid-data ta' l-att finali, ir-rikorrenti obbliga ruhu li jhallas is-somma ta' Lm6,000 (€13,976.24) ghal darba biss. Jihder li l-bini hemm indikat huwa bini tal-familja li r-rikorrenti kellu qabel azzjonijiet fil-kumpanija li ggestih, izda li sussegwentement gew minnu trasferiti, ghalkemm mhux car kif; jidher li t-terminu ta' dan il-konvenju gie estiz l-iskrittura esebita hemm indikata, u jidher li r-rikorrenti qed isostni li dan il-konvenju ghadu veljanti, u li ghandu terzi li favur taghhom jista' jittrasferih, b'hekk ikun jista' jhallas il-bank, ghalkemm jghid ukoll li ghandu *sleeping partner* fl-istess negozju, identifikat bhala certu Joseph Hall. Minkejja dan din il-Qorti thoss li dak li sostna r-rikorrenti fix-xhieda tieghu ma huwiex ghal kollox sorrett mid-dokumenti esebiti.

Illi fid-dawl ta’ dan kollu din il-Qorti thoss li certament ma jistax jinghad li l-istess rikorrenti pprova li huwa l-kaz li tintlaqa’ t-talba tieghu sabiex jigi revokat is-sekwestru fit-totalita’ tieghu u dan ghal dak li jirrigwarda l-paga kollha tal-istess rikorrenti b’dan ghalhekk li t-talba kif minnu proposta ma tistax tintlaqa; izda din il-Qorti thoss li *per via* eccezzjonali inkluz minhabba c-cirkostanzi partikolari tal-kaz u minhabba li thoss li gie almenu ppruvat li xorta wahda l-istess rikorrenti ghandu bzonn iktar minn Lm300 (€698.81) sabiex imantni lilu nnifsu u lill-familja tieghu, u dan ukoll ikkonsidrat fil-kuntest ta’ dak li s-socjeta’ intimata kienet lesta li tikkoncedi lir-rikorrenti bhala sinjal ta’ rieda tajba, u dan kif indikat fir-risposta taghha, din il-Qorti lesta li tiddikjara li l-ammont mhux sekwestrabbli mill-paga tar-rikorrenti ghandu jkun b’kollox dak ta’ Lm500 (€1,164.69) fix-xahar, u b’hekk din il-Qorti qed tiddeciedi li tirrevoka l-Mandat ta’ Sekwestru ghas-somma Lm200 (€465.87) in eccess tas-somma ta’ Lm300 (€698.81) imsemmija fl-ewwel parti ta’ l-artikolu 382 (1) tal-Kap 12, u b’dan ghalhekk li l-istess mandat ta’ sekwestru ghandu jibqa’ effettiv ghal kull introjtu mill-paga tar-rikorrenti li teccedi l-ammont nett ta’ paga ta’ Lm500 (€1,164.69), u dan b’effett mid-data ta’ dan il-provediment.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta’ u tiddeciedi,** billi anke *in vista* ta’ dak kontenut ukoll fir-risposta tal-Bank intimat, **tilqa’ biss in parti t-talba tar-rikorrenti fir-rikors tieghu datat 24 ta’ Settembru 2007** skond id-disposizzjonijiet tal-**artikolu 382 (1) tal-Kap 12**, b’dan li b’effett mid-data ta’ dan il-provediment tirrevoka biss *in parte* l-Mandat ta’ Sekwestru hawn premess Numru 1276/07 fir-rigward tas-somma ta’ mitejn Liri Maltin (Lm200 - €465.87) fix-xahar, (somma in eccess tas-somma ta’ tlett mitt Liri Maltin (Lm300 - €698.87) indikata fl-ewwel parti tal-**artikolu 382 (1)**), b’dan ghalhekk li b’kollox l-ammont li ghandu jigi liberat lir-rikorrenti mill-paga tieghu attwali huwa dak tas-somma totali ta’ hames mitt lira Maltija (Lm500) - [elf, mija u erbgha u sittin Ewro u disgha u sittin centezmi ta’ l-Ewro] (€1,164.69) mensilment kif hawn spjegat, u l-bqija ta’ l-istess paga tibqa’ sekwestrata favur is-socjeta’ intimata u allura l-

istess Mandat ta’ Sekwestru jibqa’ *in vigore* fuq il-paga ta’ l-istess ghal kull somma li tissupera b’kollox is-somma ta’ hames mitt lira Maltija (Lm500) - [elf, mija u erbgha u sittin Ewro u disgha u sittin centezmi ta’ l-Ewro] (€1,164.69) kif hawn indikat u imsemmi.

Illi *in vista’* ta’ dan tordna li kopja legali ta’ dan id-digriet ghandha tigi notifikata lill-persuni jew entitajiet kollha indikati, inkluz l-*employer* tar-rikorrenti, u tali notifiki fic-cirkostanzi tal-kaz ghandhom isiru a karigu ta’ l-istess rikorrenti Keith Rizzo.

Mill-bqija l-ispejjez ta’ din il-procedura ghandhom jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------